MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Numru. 733/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Elizabeth Azzopardi**

Kaz Numru: 733/2012

Illum 17 ta’ Settembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Elizabeth Azzopardi**, bint John u Mary neé Spiteri, imwielda fit-8 ta’ Novembru 1950, residenti fil-fond Blk 5, Plot 20, Triq tal-Hamrija, Xewkija, Ghawdex, u detentrici tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 85550(G), akkuzata talli nhar is-6 ta’ Awwissu 2012 ghall-habta ta’ 07:40hrs fil-Qasam

Industrijali Xewkija, Xewkija, Ghawdex, u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel fix-Xewkija, Ghawdex:

1. gabet ruhha b’mod li tat fastidju lill-persuni ohra u b’mod li kienet taf jew messha kienet taf li dan qed ikun ta’ fastidju ghal dawk il-persuni;

2. bl-imgieba taghha ikkagunat lil haddiehor jibza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta’ taghhom;

3. kisret projbizzjoni jew restrizzjoni taht l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ordni giet imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar il-25 ta’ Lulju 2012 moghtija mill-Magistrat Neville Camilleri LL.D.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kopja ta’ CCTV Dok. “AF 1”.[1]

Rat u Semghet il-kontenut tas-CD’s Dok. “JP 1” u Dok. “JP 3” u n-notamenti Dok. “JP 2”.[2]

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz lill-imputata li ghazlet minn jeddha li tixhed f’dawn il-proceduri.

Semghet it-sottomissjonijiet finali qabel il-kawza giet mhollija ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna qieghed jigi allegat li l-imputata kkommettiet fastidju, li kkagunat lil haddiehor jibza li ser tintuza vjolenza kontra tieghu u kif ukoll li kisret projbizzjoni jew restrizzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

---

[1] *Vide* verbal tat-8 ta’Jannar 2013.
[2] *Vide* verbal tat-30 ta’ Jannar 2013.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2012, gie pprezentat affidavit ta' **PS 1233 John Attard**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "A", f'liema affidavit is-Surgent Attard jghid li fis-6 ta' Awwissu 2012, Christine Portelli u Josline Portelli rraportaw li minkejja li kien hemm Ordni ta' Protezzjoni, l-imputata xorta kienet qed iddejjaqhom. Jispjega li Christine Portelli rraportat li waqt li kienet ghax-xoghol ghall-habta tat-7.40am, rat lill-imputata thares lejha u din bdiet taghmlilha l-mossi b'xuftejha. Is-Surgent Attard jghid li *da parte* taghha Josline Portelli qaltlu li kienet marret ghax-xoghol ghand ta' Magro u hekk kif kienet diehla ghax-xoghol sabet lill-imputata wieqfa faccata fuq il-bankina. Tkompli tghid: *"Hi refghet il-basket u dak il-hin bdiet miexja"*. Meta giet mitkellma l-imputata, l-iSurgent qaltlu li kienet ghaddejja minn dawk l-inhawi ghax marret tixtri t-tigieg. Ikkonfermat li ghaddiet minn quddiem ta' Magro.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2013, xehed **Arnold Fenech** li jahdem bhala IT Systems Administrator ma' Magro Brothers fejn ezebixxa kopja ta' CCTV *recording* fuq zewg *cameras* differenti li ttiehdu fis-6 ta' Awissu 2012 bejn is-7.00am u t-8.00am.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2013, xehdet **Josline Portelli** li ddeskriviet dak li gara fis-6 ta' Awwissu 2012 fejn qalet li ohtha Christine cemplet id-dar u qaltilhom li l-imputata kienet hdejn il-fabbrika ta' Magro fejn jahdmu u li hekk kif hi (Josline) waslet fuq il-post (madwar hames minuti wara) rat lill-imputata fil-kantuniera fejn il-fabbrika. Hija xehdet ukoll rigward dak li gara u li kienet qed taghmel l-imputata tul l-ahhar xhur.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2013, xehdet ukoll **Christine Portelli** li xehdet li dakinhar tas-6 ta' Awwissu 2012 kienet qieghda xoghol ghand ta' Magro u rat lill-imputata ghaddejja u tixhed: *"imxiet mal-gate tar-reception, thares lejja, taghmel mossi b'xofftejha u baqghet ghaddejja"*. Tixhed ukoll li ftit hin wara ohtha Josline waslet fuq il-post u rat lill-imputata gejja mill-kantuniera faccata tar-*reception* u ghad-domanda jekk

ratx lill-imputata issegwi lil ohtha Josline, wiegbet fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2013, xehdet l-**imputata**, fejn nnegat li kienet marret fejn il-*gate* fejn tahdem Josline Portelli pero aktar tard fix-xiehda taghha tghid li marret tixtri xi tigieg. L-imputata tghid: *"Joslin bdiet tehodli r-ritratti bil-mobile, qalet li ghajjibtha u m'ghajjibtha xejn, u ghajjartha. Bdiet tigri warajja kemm Alla tani sahha u mbaghad bdiet tigri warajja u ma tibzax minni; qalet li tibza' minni"*. Ghad-domanda tal-konsulent legali tal-kwerelanti: *"Sinjura, ara nghidx sew ukoll li x'hin kont tkun titkellem wahdek god-dar kont anke ssemmi certu kliem li jwegga'? […]"*, l-imputata wiegbet: *"Jiena kont fis-sahna u kont nghidilhom kollox ghax jien kont irrabjata ghalihom"*. Apparti dan, il-Qorti tinnota li meta kienu qed jigu mistoqsija lill-imputata domandi, kemm in ezami u kif ukoll in kontro-ezami, hija kienet evaziva u bdiet tipprova tiggustifika l-azzjonijiet taghha.

Illi l-Qorti tinnota li l-imputata kienet kalma l-hin kollu tul is-smiegh ta' dawn il-proceduri u kif ukoll meta xehdet u dana kuntrarju ghal Josline Portelli li dehret mimlija ansjeta' u biza.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni: Fastidju</u>**

Illi riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**:

"Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:

"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a*

*specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat *"in isolation"* b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07]:- *"...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien"*.

[...]

Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing...distress') lill-persuna.

[...]

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu

generiku fastidju jew ‘harassment’. Issa filwaqt li n-nuqqas ta’ definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta’ diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista’ mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta’ dawn it-tip ta’ reati li ta’ sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati”.

Din il-Qorti zzid dan li gej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: ‘A person must not pursue a course of conduct’ li fil-ligi taghna hekk: ‘Persuna li ggib ruhha’.

Skont l-Archbold: ’Two incidents can constitute a ’course of conduct’ but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as ‘a course of conduct’. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.

Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan”.

Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed. Minn dak li xehdu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li effettivament dan huwa l-kaz fil-kaz odjern. L-atteggjament tal-imputata fil-konfront ta' Christine Portelli u Joslin Portelli, b'mod specjali fil-konfront ta' Joslin Portelli, kien wiehed ripetittiv u persistenti. Ghaldaqstant, minn dak li nghad hawn fuq, m'hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni: Biza' li ser tintuza Vjolenza**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

"Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B((1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li gie effettivament pruvat li l-imputata kienet b'xi

mod ikkagunat biza’ fuq il-persuna ta’ Josline Portelli u Christine Portelli li kienet ser tintuza vjolenza kontra taghhom. Ghaldaqstant, anke t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni: Ksur ta’ Projbizzjoni jew Restrizzjoni taht Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta</u>**

Illi t-tielet imputazzjoni tirrigwarda allegat ksur ta’ projbizzjoni jew restrizzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. *Di fatti* jirrizulta mill-atti processwali li fil-25 ta’ Lulju 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Elizabeth Azzopardi** (427/12) kienet inhareg Ordni ta’ Protezzjoni taht Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghad li l-imputata f’dik il-kawza, li hija l-istess imputata fil-kawza odjerna, ma kellha bl-ebda mod tkellem, fost l-ohrajn, lil Josline Portelli u Christine Portelli[3].

Illi fix-xiehda moghtija mill-imputata, l-imputata ma taghmilx riferenza specifika ghas-6 ta’ Awwissu 2012 u ghall-granet u fix-xhur ta’ qabel (d-dati li jsiru riferenza ghalihom fl-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha), u ghad-domanda tal-konsulent legali tal-kwerelanti: *“Sinjura, ara nghidx sew ukoll li x’hin kont tkun titkellem wahdek god-dar kont anke ssemmi certu kliem li jwegga’? […]”*, l-imputata wiegbet: *“Jiena kont fis-sahna u kont nghidilhom kollox ghax jien kont irrabjata ghalihom”*. Apparti dan, il-Qorti tinnota li meta kienu qed jigu mistoqsija lill-imputata domandi, kemm in ezami u kif ukoll in kontro-ezami, hija kienet evaziva u bdiet tipprova tiggustifika l-azzjonijiet taghha.

Illi m’hemmx dubju li anke t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

[3] *Vide* vera kopja tal-verbal datat 25 ta’ Lulju 2012 (Dok. “X”) pprezentat fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2013.

Illi ghaldaqstant l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputata gew sodisfacentement pruvati.
Illi, rigward il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputata, li huma reati serji hafna, u kif ukoll il-kopja ta’ kuntratt li gie mmarkat bhala Dok. “A”, liema kuntratt gie ezebiet flimkien ma’ Nota pprezentata fis-16 ta’ Jannar 2013 fejn inghad hekk: *“li permezz tieghu [l-imputata] akkwistat porzjon fabbrikabbli ta’ art li fuqha bi hsiebha tibni dar biex fiha tghix boghod mill-parte civili”*. Il-Qorti theggeg lill-imputata sabiex taghmel dan u tmur tghix il-boghod mill-*parte civili* minghajr dewmien. Tenut kont ta’ dak li nghad, il-Qorti m’hijiex tal-fehma li ghandha timponi piena ta’ multa jew prigunerija effettiva jew wahda ta’ prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputata. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputata ghandha bzonn tinghata l-ghajnuna necessarja sabiex taghraf li dak li qed taghmel fil-konfront tal-familja Portelli huwa hazin u tevita milli tibqa’ taghmlu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 251A(1)(a), 251A(1)(b), 251B(1) u 412C(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputata Elizabeth Azzopardi taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlitt (3) snin mill-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputata Elizabeth Azzopardi bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* tistgha tinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstabet hatja b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputata Elizabeth Azzopardi.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tqieghed lill-hatja taht Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Christine Portelli u Josline Portelli ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------